Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3095

9.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3095

tad-29 ta' Lulju 2024

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1698 fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' ċerti operaturi u gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi u tal-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll fuq il-prodotti organiċi tagħhom

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(7), il-punt (b)(ii), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1698 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 b'regoli dwar il-verifiki għaċ-ċertifikazzjoni ta' operaturi jew ta' gruppi ta' operaturi u dwar il-kontrolli mwettqa fuq dawk l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi u l-prodotti tagħhom mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 ("reġim ta' konformità").

(2) Skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll mogħti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([3]) ("reġim ta' ekwivalenza") se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.

(3) Mill-1 ta' Jannar 2025, l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll iridu jiġu rikonoxxuti skont ir-reġim ta' konformità biex jiċċertifikaw u jikkontrollaw lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi. Tali rikonoxximent huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tat-talbiet tagħhom għar-rikonoxximent, ippreżentati f'konformità mal-Artikolu 46(4) tar-Regolament (UE) 2018/848, u li jikkonsistu f'dossier tekniku li jrid ikun fih l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex ikun żgurat li jiġu ssodisfati l-kriterji għar-rikonoxximent stabbiliti fl-Artikolu 46(2) ta' dak ir-Regolament.

(4) Għadd limitat biss ta' talbiet għar-rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 ġew ippreżentati lill-Kummissjoni biżżejjed minn qabel biex l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll ikunu jistgħu jħejju b'mod adegwat il-ħruġ taċ-ċertifikati għall-operaturi u għall-gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi f'konformità mar-reġim ta' konformità.

(5) Skont l-Artikolu 9, il-paragrafi (4) u (10), tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1698, il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi jrid isir abbażi tar-riżultati tal-verifika tal-konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, li jinkludi spezzjoni fiżika fuq il-post. Minħabba d-dewmien fir-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll f'konformità mar-reġim ta' konformità kkawżat mid-dewmien fil-preżentazzjoni tat-talbiet għar-rikonoxximent, dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll jaf ma jkunux jistgħu jwettqu l-ispezzjonijiet fuq il-post meħtieġa kollha għall-ħruġ f'waqtu taċ-ċertifikati lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi f'konformità mar-reġim ta' konformità.

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1698 tat-13 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bir-rekwiżiti proċedurali għar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli fuq operaturi u gruppi ta' operaturi ċċertifikati organiċi u fuq il-prodotti organiċi f'pajjiżi terzi u bir-regoli dwar is-superviżjoni u l-kontrolli tagħhom u azzjonijiet oħra li għandhom jitwettqu minn dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll (ĠU L 336, 23.9.2021, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1698/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/834/oj).

(6) Sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ għall-prodotti organiċi sakemm jinħarġu ċ-ċertifikati lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/1698 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 ([4]), jeħtieġ jiġi previst li, għal perjodu ta' żmien limitat, l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll diġà rikonoxxuti skont ir-reġim ta' konformità jkunu jistgħu joħorġu ċertifikati ta' spezzjoni fuq il-kunsinni ta' prodotti ta' dawk l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi li jkunu fil-pussess ta' evidenza dokumentarja valida maħruġa mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll rikonoxxuti skont ir-reġim ta' ekwivalenza, abbażi tal-verifika tal-konformità ta' dawk il-kunsinni mar-regoli msemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(7) Jeħtieġ jiġi previst ukoll li, għal dak l-iskop, l-evidenza dokumentarja maħruġa mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll rikonoxxuti skont ir-reġim ta' ekwivalenza lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi li ċ-ċertifikazzjoni tagħhom skont ir-reġim ta' konformità tkun pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024 tibqa' valida wara l-31 ta' Diċembru 2024 sad-data ta' skadenza tagħha u, fi kwalunkwe każ, għal perjodu ta' żmien limitat.

(8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/1698 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament Delegat (UE) 2021/1698, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 30a*

Deroga għaċ-ċertifikazzjoni pendenti tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi

1. B'deroga mill-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, meta ċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi u tal-gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 9(10) u l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 (*), tkun pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024, il-verifika minn dik l-awtorità ta' kontroll jew dak il-korp ta' kontroll tal-kunsinni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' dawk l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi għandha ssir fir-rigward tal-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (**)sal-15 ta' Ottubru 2025.

2. Wara verifika skont il-paragrafu 1, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll rilevanti għandhom joħorġu ċertifikat ta' spezzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 (***).

3. L-evidenza dokumentarja maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2024 mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 33(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi li ċ-ċertifikazzjoni tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 tkun pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024, għandha tibqa' valida sa tmiem il-perjodu ta' validità tagħhom iżda mhux wara l-15 ta' Ottubru 2025.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi ċerti regoli fir-rigward taċ-ċertifikat maħruġ lill-operaturi, lill-gruppi ta' operaturi u lill-esportaturi f'pajjiżi terzi involuti fl-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni fl-Unjoni u jistabbilixxi l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 297, 20.8.2021, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1378/oj).

4. Fir-rigward tal-kontrolli fuq l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi msemmija fil-paragrafu 1, ir-referenzi fl-Artikolu 9(1) u (2), fl-Artikolu 11(1), il-punt (c), fl-Artikolu 14(1), fl-Artikolu 22(1), fl-Artikolu 23(3) u fil-Parti B tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għar-regoli msemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, u r-referenzi fl-Artikolu 16(3), fl-Artikolu 19(3) u fl-Artikolu 23(4) ta' dan ir-Regolament għaċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 45(1), il-punt (b)(i), tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-evidenza dokumentarja maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2024 mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 33(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 lill-operaturi u lill-gruppi ta' operaturi msemmija fil-paragrafu 1.

_____

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi ċerti regoli fir-rigward taċ-ċertifikat maħruġ lill-operaturi, lill-gruppi ta' operaturi u lill-esportaturi f'pajjiżi terzi involuti fl-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni fl-Unjoni u jistabbilixxi l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 297, 20.8.2021, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1378/oj).

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/834/oj).

(***) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-konsenji ta' prodotti organiċi u prodotti fil-fażi tal-konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2306/oj)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN